**L-Università ta' Southampton tilqa' l-istudenti internazzjonali!**

Dwarna

L-Università ta' Southampton twaqqfet fl-1862 (oriġinarjament magħrufa bħala l-Istitut ta' Hartley) u llum hija waħda mill-aqwa universitajiet fir-Renju Unit, membru tal-Grupp prestiġġjuż Russell (20 università prinċipali tar-riċerka fir-Renju Unit) u hija kklassifikata fost l-aqwa 100 università fid-dinja (The Times Higher Education Supplement World University Rankings).

Li tgħix u taħdem f'Southampton hija esperjenza unika u eċċitanti. Il-faċilitajiet tagħna bl-aħħar avvanzi fit-teknoloġija u l-ambjent ta' appoġġ li nipprovdu joħolqu riċetta impressjonanti għas-suċċess personali u opportunitajiet mill-aqwa għall-ġejjieni.

L-Università ta' Southampton hija università tassew diversa u internazzjonali li tilqa' fiha 22,000 student, inklużi 1,400 student mill-Unjoni Ewropea u 3,400 student internazzjonali minn aktar minn 130 pajjiż differenti minn barra l-UE.

Fejn ninsabu

L-Università tgawdi minn pożizzjoni eċċezzjonali fuq il-kosta tan-nofsinhar tal-Ingilterra, madwar siegħa bogħod miċ-ċentru ta' Londra u mill-Ajruport ta' Heathrow, filwaqt li tinsab ukoll qrib tal-kampanja miftuħa. Għandna ħames kampusijiet f'Southampton u wieħed f'Winchester, fejn huma bbażati l-istudenti tagħna tal-arti.

Southampton tibqa' port internazzjonali ewlieni u hija belt vibranti u mimlija ħajja. Il-bliet turistiċi ta' Winchester, Salisbury u Bournemouth huma fil-qrib, bħalma huma l-park nazzjonali ta' New Forest u s-sit ta' fama mondjali Stonehenge. Is-servizz ta' trasport bix-xarabank tal-Università (Uni-*link*) jipprovdi links affidabbli u frekwenti f'Southampton bejn is-siti kollha tal-Università, iċ-ċentru tal-belt u ċ-ċentri ta' trasport ewlenin.

L-istudenti tagħna tal-arti huma bbażati fil-faċilitajiet tagħna f'Winchester, il-belt kapitali antika tal-Ingilterra. Din il-belt, li għandha madwar 38,000 abitant, kienet ivvutata bħala wieħed mill-aqwa postijiet biex tgħix fih fir-Renju Unit.

Appoġġ għall-istudenti internazzjonali

Li tiġi fir-Renju Unit minn barra l-pajjiż biex tistudja jew tagħmel riċerka huwa impenn kbir. L-Uffiċċju Internazzjonali u d-dipartimenti l-oħrajn kollha fl-Università jikkollaboraw flimkien biex jgħinu lill-istudenti internazzjonali jadattaw ruħhom għall-ambjent ġdid tagħhom kemm jista' jkun malajr u biex japprofittaw ruħhom u jieħdu dak kollu li jistgħu miż-żmien li jqattgħu fl-Università ta' Southampton.

L-akkomodazzjoni fis-Swali tar-Residenza tagħna hija garantita għall-istudenti internazzjonali (mhux mill-Unjoni Ewropea) għat-tul ta' żmien kollu tal-istudji tagħhom (termini u kundizzjonijiet japplikaw). L-Uffiċċju Internazzjonali joffri servizz mingħajr ħlas ta' 'Meet and Greet' mill-ajruport ta' Heathrow f'Londra f'Settembru kull sena u jorganizza Ġimgħa Internazzjonali ta' Merħba għall-istudenti ġodda. Jeżisti wkoll servizz ta' pariri kunfidenzjali u mingħajr ħlas li huwa disponibbli għall-istudenti internazzjonali kollha, inkluż appoġġ fir-rigward tal-viża u l-immigrazzjoni offrut mit-Tim tal-Viża tal-Università.

Faċilitajiet eċċellenti tal-isport u l-arti, u aktar minn 200 klabb u soċjetà (Athletic Union clubs u soċjetajiet tal-istudenti bħal soċjetajiet Messikani, Ġappuniżi, Malażjani, Persjani u Ewropej) jgħinu lill-istudenti jgawdu ż-żmien li jqattgħu hawnhekk!

Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok fittex fil-websajt tagħna u kkuntattja lill-Uffiċċju Internazzjonali jekk ikollok xi mistoqsijiet.

| | |
|---|---|
| Websajt: | www.southampton.ac.uk/international |
| You Tube: | http://www.youtube.com/UoSinternational |
| Twitter: | http://twitter.com/UniSotonIntl |
| Facebook: | http://www.facebook.com/UosInternationalOffice |

*Last updated on 20/08/2010*